MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru. 726/2001
Kawza Numru. 5

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech )**
**- vs -**
**Domnic Attard iben Michael u Maria nee Attard li joqghod "Bismark" Triq Maria Bambina, Xaghra, Ghawdex,**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 170087M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-8 ta' Novembru 2001 ghall-habta tad-8:45am fi Triq Putirjal, Rabat, Ghawdex, bhala sewwieq ta' Bus Numru FBY 019, (1) naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega hekk kif kien qed jersaq lejn pedistrian crossing u dan bi ksur ta' l-Artiklu 89 (1) tar-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, 2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraggni u b'nuqqas ta' tharis

tar-regolamenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mompaloa Luigia li kienet qed taqsam it-triq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi huwa minnu illi dan l-incident sehh fuq zebra crossing u ghalhekk taghmlu pjuttost aktar serju minn investiment f'kareggjata minghajr tali marki. Huwa minnu wkoll, izda, illi l-kwerelanta kienet ghadha kemm bdiet taqsam u hi ntlaqtet fuq il-genb tax-xellug, fit-tarf taz-zebra crossing u huwa minnu wkoll illi l-vizwali tax-xufier hija limitata hafna fid-direzzjoni fejn sehh l-incident. Ma jirrizultax xi speed inkontrollabbli. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, jirrizulta illi sia l-imputat kif ukoll il-vittma inizzjaw il-procedura taghhom fl-istess waqt u ghalhekk il-vittma bdiet taqsam hekk kif l-imputat beda jdur ghall-fuq iz-zebra crossing, bil-vittma xi ftit mohbija minhabba l-pozizzjoni taghha fuq iz-zebra crossing.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma illi ma hemmx provi li juru li l-imputat ghandu jinsab hati fi proceduri kriminali. Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

--------------------------------TMIEM--------------------------------